



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Ġunju 2021
(OR. fr)

9173/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0128 (NLE)

PECHE 171

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd previsti mill-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (2021-2026)
----------	--

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

**dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd previsti mill-
Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd
bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (2021-2026)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim"), li ġie approvat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 450/2007², daħal fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2007. Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontroparti finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gabon³, iffirmit fl-24 ta' Lulju 2013 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Protokoll tal-2013"), skadea fit-23 ta' Lulju 2016.
- (2) Il-Kummissjoni nnegożjat, f'isem l-Unjoni, Protokoll ta' Implimentazzjoni ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (2021-2026) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Protokoll") għal perijodu ta' ħames snin.
- (3) B'riżultat ta' dawk in-negożjati, il-Protokoll ġie inizjalat fl-10 ta' Frar 2021.

¹ ĠU L 109, 26.4.2007, p. 3.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 450/2007 tas-16 ta' April 2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (ĠU L 109, 26.4.2007, p. 1).

³ ĠU L 250, 20.9.2013, p. 2.

- (4) Fi ...⁺, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/...¹⁺⁺, rigward l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-protokoll, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (5) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokat i fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tal-Protokoll.
- (6) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli, minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Gabon u l-ħtieġa li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet.
- (7) Il-Protokoll jenħtieġ li jibda japplika fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu biex il-bastimenti tal-Unjoni jkunu jistgħu għal darb'oħra jeżerċitaw attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gabon. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/... ta' ... 2021 dwar l-iffirmat, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (2021-2026) (ĠU C ..., ..., p. ...).

⁺⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tas-serje tad-deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST 9170/21 u kkompleta in-nota ta' qiegħ il-paġna korrespondenti

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (2021-2026) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Protokoll”) għandhom jiġu allokat i fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni:

Spanja: 15-il bastiment,

Franza: 12-il bastiment;

(b) bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief:

Spanja: 5 bastimenti,

Franza: bastiment 1;

(c) bastimenti tat-tkarkir:

Spanja: 4 bastimenti.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data tal-iffirmar tal-Protokoll.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
